MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1647/2002

***Pater Finance Co. Ltd.***

***vs***

***Shane Grange***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Lulju 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375) rappresentanti l-import ta' sitt kambjali, hamsa ta' Lm63 il-wahda u wahda ta' Lm60, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Mejju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz u mmarkati bhala dokumenti numri 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju 2002 u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Lulju 2002 jammontaw ghal Lm12 oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata skond il-ligi permezz tal-procedura tal-publikazzjoni, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**